**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Dr Edwina Grima, LL.D.**

**Appell Nru: 164/2016**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Gilbert Farrugia**

**Matthew Farrugia**

**Jean Pierre Farrugia**

Illum, 26 ta' Jannar 2024

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellati, Gilbert Farrugia, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 117986M, Matthew Farrugia, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 379189M u Jean Pierre Farrugia, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 344089M, akkużati quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) talli nhar is-16 ta' Diċembru 2010 għall-ħabta ta' 12:00pm fi Triq Pawl Farrugia, Ħal Qormi,

1. Ħebbew għal Melvin Magri u kkaġunawlu ġrieħi ta' natura gravi;
2. U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, b'mezzi xort'oħra, volontarjament ħassru, għamlu ħsara jew għarrqu ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli u ċioe' fuq il-vettura tat-tip Volkswagon Polo bin-numru ta' reġistrazzjoni LYN-087, liema ħsara ma tiskorrix elf, mija u

erbgħa u sittin Ewro u disgħa u sittin ċentezmu (€1,164.69) għad-detriment ta' Melvin Magri u/jew Lyndsey Sue Abela u/jew persuni oħra.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-18 ta' Marzu 2016, fejn il-Qorti ddikjarat lill-imputati mhux ħatja tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tagħhom u konsegwentement illiberathom minnhom.

Rat ir-rikors tal-Avukat Ġenerali, ippreżentat fis-6 ta' April 2016, fejn talab lil din l-Qorti:

a) Tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata u tiddikjara li s-sentenza hija nulla għar-raġunijiet imsemmija f'dan l-appell (nuqqas ta' smiegħ tax-xhieda *viva voce*) u tipproċedi biex tiddeċiedi dwar l-andament tal-proċeduri skond il-liġi u għall-aħjar interess tal-ġustizzja;
b) Sussidjarjament u jekk dil-Onorabbli Qorti tiddeċiedi li m'għandix tannulla l-ewwel sentenza, xorta waħda għandha tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata billi ssib ħtija fir-rigward tal-akkużi kif miġjuba fil-konfront tal-akkużati kollha f'dawn il-proċeduri, okkorendo bl-applikazzjoni tal-artikolu 467(4) tal-Kodiċi Kriminali, reż applikabbli permezz tal-artikolu 525(3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta għal dawn il-proċeduri, u tipproċedi sabiex tagħti l-piena idoneja fiċ-ċirkostanzi tal-kaz u fil-konfront tal-appellati kollha kif titlob il-liġi.

Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif ippresjeduta f'Lulju 2023.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornati tal-appellati esebiti mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi, permezz tal-ewwel aggravju vventilat minnu, l-Avukat Ġenerali jeċepixxi n-nullita' tas-sentenza appellata u dana għaliex l-Ewwel Qorti kif ippresjeduta meta pprolatat s-sentenza, ma kenitx hi li semgħet ix-xhieda jew xi uħud mix-xhieda *viva voce*, billi s-smigħ tax-xhieda kien seħħ quddiem il-Qorti kif diversament ippresjeduta,

u għaldaqstant kien hemm vjolazzjoni tad-dettami tal-Artikolu 646(1) tal-Kodiċi Kriminali tali li jirrendi l-proċeduri nulli.

Illi, minn eżami akkurat tal-*iter* li segwa il-proċess penali quddiem l-Ewwel Qorti jirriżulta li l-każ kien appuntat għas-smigħ għal nhar it-12 ta' Novembru 2012 quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, presjeduta mill-Imħallef, dak iz-zmien Maġistrat, Dr Neville Camilleri, li għaddiet għal kumpilazzjoni tal-provi. Sussegwentement, permezz tal-assenjazzjoni ġdida tad-doveri maħruġa mill-Uffiċċju tal-Prim Imħallef, datata t-30 ta' Ġunju 2015, il-kawża kienet assenjata biex tinstema' mill-Maġistrat Dr. Joseph Mifsud. Wara li seħħet din l-assenjazzjoni, nżammet l-ewwel seduta mill-Qorti tal-Maġistrati, issa presjeduta mill-Maġistrat Dr Joseph Mifsud, nhar id-19 ta' Ottubru 2015, meta ġie verbalizzat:–

> **"Il-Prosekuzzjoni u d-difiza ezentaw lill-Qorti milli terġa' tisma' x-xhieda kollha li diġa nstemgħu minn din il-Qorti kif diversament ippreseduta qabel din il-kawza ġiet assjenata lil din il-Qorti kif preseduta."**

Dan ifisser illi l-Prosekuzzjoni ma oġġezzjonatx, kif qed jagħmel issa l-Avukat Ġenerali f'dan l-istadju ta' reviżjoni, għal fatt illi il-Qorti tal-Maġistrati kif ippresjeduta ma kentix Hi li semgħet xi xhieda *viva voce*. Fl-ebda ħin matul is-seduti li segwew ma kien imressaq xi ilment fir-rigward ta' dak li, issa, l-Prosekuzzjoni qed tara bħala xi nuqqas, u ħalliet il-proċess penali ikompli għaddej mingħajr ma ġibdet l-attenzjoni tal-Ewwel Qorti għal dak li dehrilha seta' jirrendi l-proċeduri nulli. Magħdud ma' dan, imbagħad minn daqqa t'għajn lejn l-atti proċesswali jidher illi t-testimonjanzi kollha tax-xhieda f'dan il-proċess kienu debitament traskritti u inseriti fl-atti, li kienu allura ikkumpilati b'mod sħiħ u komplut, meta l-Ewwel Qorti ġiet għal prolazzjoni tas-sentenza.

Illi, nhar l-24 ta' Frar 2022 din il-Qorti kif diversament ippresjeduta fl-appell fl-ismijiet "<u>Il-Pulizija vs. Yarik Farrugia</u>" stqarret hekk dwar fatti konsimili:-

> **"Fl-ebda ħin ma l-avukat difensur tul dan iż-żmien kollu ma talab li x-xhieda li nstemgħu quddiem l-ewwel Qorti presjeduta mill-allura Maġistrat Dr. Aaron Bugeja jerġgħu jixhdu. Minn eżami tal-verbali jidher illi verament l-appellant ma ġiex mitlub sabiex jissana l-Atti tal-kawża wara l-bidla tal-**

**Maġistrat, pero' lanqas ma oġġezzjona li l-kawża titkompla quddiem il-Maġistrat il-ġdid u ħallew kollox għaddej biex imbagħad għamlu l-aggravju bħal dan fl-appell. Il-Qorti ma jidhriliex illi dana għandha tippermettih.**

**Din il-Qorti għalhekk tagħmel referenza għas-sentenza mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta nhar it-3 ta' Ottubru 2003 fl-ismijiet Il-Pulizija (Spt. Keith Arnaud) vs. Omissis Naeim Shady Mohamed Abd-ElHady fejn kien hemm sitwazzjoni simili għal din preżenti fejn dik il-Qorti kienet ċaħdet l-aggravju tan-nullita' u stqarret li minkejja li l-imputat ma ġiex mitlub jissana l-Atti, huwa xorta waħda ssottometta ruħu għall-ġudizzju tal-Maġistrat il-ġdid mingħajr reklam u dan għalhekk fisser li kien qed jagħti l-fiduċja tiegħu f'dan il-Maġistrat ġdid li kien qiegħed impliċitament jagħti l-kunsens tiegħu sabiex il-proċeduri jibqgħu għaddejjin, f'dak il-każ hekk sar."**

Illi, f'dan il-kaz, a kuntrarju ta' dak ritenut fil-kazistika appena ċċitata, l-atti *de quo* ġew sanati mill-partijiet kollha nvoluti f'dawn il-proċeduri u huwa għalhekk li din il-Qorti ma tistax tifhem kif l-ilment ta'l-Avukat Ġenerali jista' jkun ġustifkat iktar u iktar meta l-Prosekuzzjoni aderiet ruħha mal-atti kif kienu kkumpilati u ma rat ebda nuqqas fil-mod kif il-proċeduri kienu qed jitmexxew quddiem l-Ewwel Qorti. Inoltre fuq skorta ta' ġurisprudenza kostanti, kien affermat illi meta jkun hemm bdil fil-ġudikant li jkun qed jipprejsedi il-Qorti adita bis-smigħ tal-każ, ma hemmx għalfejn illi x-xiehda tinstema' mill-ġdid ġaldarba tibqa' dejjem l-istess qorti li quddiemha l-ġudikabbli jkun ser jiġi ġġudikat[1]. Dan ifisser għalhekk li lanqas ma hemm vjolazzjoni tad-dispost ta'l-artikolu 646(1) tal-Kodiċi Kriminali, kif jilmenta l-Avukat Ġenerali, ġjaldarba il-provi jkunu nstemgħu mill-Qorti, li dejjem tibqa l-istess waħda allavolja jkun hemm bidla fil-ġudikant adit bis-smigħ ta'l-istess, fejn il-provi jkunu ġew mismugħa *viva voce* mingħajr il-ħtieġa li dawn jerġgħu jinstemgħu mill-ġdid. Fuq kollox llum bis-sistema tat-teknoloġija moderna il-ġudikant għandu dejjem għad-disposizzjoni tiegħu ir-reġistrazzjoni tad-deposizzjoni tax-xhieda li jista' jiġi mismugħ minnu kif mogħti fuq il-pedana. Għalhekk, a bazi tal-insenjament kostanti tal-ġurisprudenza u fid-dawl tal-fatt li kien hemm ottemperanza mal-liġi, dina l-Qorti ma tirriavviża ebda nullita' fil-proċeduri odjerni u għaldaqstant qegħdha tiċħad l-ewwel aggravju mressaq mill-Avukat Ġenerali.

[1] Ara fost oħrajn Il-Pulizija vs Emanuel Debrincat – App.Inf.30/03/2012

**Ikkunsidrat:**

Illi, fit-tieni aggravju vventilat minnu, l-Avukat Ġenerali jikkontendi li fl-interpretazzjoni tal-fatti tal-każ, l-Ewwel Qorti għamlet enunċjazzjoni żbaljata u inkompleta ta' l-ipotesi tal-liġi u tal-provi u dan meta lliberat lill-imputati mill-akkużi kemm tal-feriti gravi kif ukoll tad-danni fuq il-vettura li kienet qed tinstaq u tintuża mill-allegat vittma dakinhar tas-sinistru. L-Avukat Ġenerali huwa tal-fehma li l-verzjoni tal-fatti mogħtija mill-parti offiża kienet aktar verosimili minn dik mogħtija mill-appellati u għalhekk l-Ewwel Qorti kienet zbaljata meta għaddiet għal deċizjoni liberatorja.

Illi, stante li dan l-aggravju huwa marbut mal-apprezzament tal-provi, magħmul mill-Ewwel Qorti, din il-Qorti tfakkar, qabel kull konsiderazzjoni oħra dwar il-mertu, illi huwa prinċipju stabbilit fil-ġurisprudenza ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi magħmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal għall-konklużjoni li dik il-Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għal konklużjoni li tkun waslet għaliha[2].

Illi, eżaminati l-atti proċesswali għal fini biex jiġi mistħarreġ l-ilment ta'l-Avukat Ġenerali, jirriżulta li nhar is-16 ta' Diċembru tas-sena 2010, il-parti offiża Melvin Magri rraporta ġewwa l-Għassa ta' Ħal-Qormi li għal ħabta ta' nofsinhar ta'l-istess jum, kif kien ser jirkeb il-vettura tat-tfajla tiegħu bin-numru ta' reġistrazzjoni LYN-087 li kienet ipparkeġġjata ġewwa Ħal Qormi, avviċinah l-appellat Gilbert Farrugia u staqsieh 'l għala kien għamel rapport kontra tiegħu mal-pulizija. Melvin Magri xehed li kien wieġbu li huwa ma kienx irrapporta lilu iżda lil missieru u li dak il-ħin avviċinawhom

[2] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: Ir-Repubblika ta' Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib, 15 ta' Jannar 2009; Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul Hili, 19 ta' Gunju 2008; Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter, 14 ta' Dicembru 2004 Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa, 16 ta' Ottubru 2003; Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina 24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak 23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed, 5 ta' Lulju 2002; Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino, 7 ta' Marzu 2000, Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt, 1 ta' Dicembru 1994; u Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi, 14 ta' Frar 1989; u lAppelli Kriminali Inferjuri: Il-Pulizija v. Andrew George Stone, 12 ta' Mejju 2004, Il-Pulizija v. Anthony Bartolo, 6 ta' Mejju 2004; Il-Pulizija v. Maurice Saliba, 30 ta' April 2004; Il-Pulizija v. Saviour Cutajar, 30 ta' Marzu 2004; Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et, 21 ta' Ottubru 1996; Il-Pulizija v. Raymond Psaila et, 12 ta' Mejju 1994; Il-Pulizija v. Simon Paris, 15 ta' Lulju 1996; Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace, 31 ta' Mejju 1991; Il-Pulizija v. Anthony Zammit, 31 ta' Mejju 1991.

iz-zewġ appellati l-oħra, qamet ġlieda fejn ħebbew għalih, tawh xi daqqiet f'wiċċu u għamlulu xi ħsarat fil-vettura wkoll.

Illi, meta Melvin Magri xehed *viva voce* quddiem l-Ewwel Qorti, huwa pprovda r-retroxxena għall-inċident *de quo*. Xehed illi sena qabel dan l-akkadut, huwa kellu xi jgħid ma' Gilbert Farrugia u kien anke mar missier Farrugia jfittxu. In segwitu, Magri kien għamel rapport l-għassa. Magri kompla jixhed u igħid illi dakinhar tal-inċident, huwa kien mar għand l-*isprayer* tiegħu ġewwa Ħal-Qormi bil-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni LYN-087, fejn hekk kif kien dieħel fl-istess vettura, xi ħadd kien qallu "**Mortli l-għassa dakinhar purċinell?**". Hekk kif huwa dar, ra lil Gilbert Farrugia miexi lejh, u ftit wara ġew iz-zewġ appellati l-oħra ukoll. Jgħid li dawn it-tlett persuni daru mal-vettura tiegħu, bdew ituha bis-sieq, kissrulu l-mera, tawh daqqa ta' ponn fuq wiċċu u kisrulu sinna. Jippreċiża li l-mera tal-vettura kien kissirilu Matthew Farrugia b'daqqa ta' ponn.

Illi, mix-xhieda ta' Dr Kenneth Vassallo, li kien it-tabib li eżamina lil Magri wara dan l-argument, jirriżulta li huwa ma ra l-ebda forma ta' ġrieħi vizibbli fizikament fuq l-istess Magri. Jgħid li huwa ċċertifika lill-istess bħala li qed isoffri minn ġrieħi ta' natura ħafifa sempliċiment minħabba l-fatt li Magri kien stqarr miegħu li kien qed iħoss uġigħ fuq iz-zewġ naħat ta' wiċċu minħabba fid-daqqiet li kien qala'. *In oltre*, mix-xhieda mogħtija mid-Dentist Antoine Attard li ukoll eżamina lil Magri dak in-nhar stess ta'l-inċident, rriżulta li Magri kellu sinna mxellfa li kellha bzonn isirilha *cover*, liema sinna kienet diġa' ġiet medika ikkurata minnu billi kienet imħassra.

Illi, minn naħa l-oħra, l-appellati jagħtu verzjoni tal-fatti dijametrikament opposta minn dik tal-parti offiża. Matthew Farrugia jixhed li hekk kif hu u l-appellati kienu għaddejin bil-kwiet fuq xogħolhom, sema' xi għajjat u ra karozza tal-għamla Polo tagħlaq it-triq maġenb il-*crane* li kienu qed jużaw fuq il-lant tax-xogħol. Jixhed li ra ukoll lil xi ħadd qed jilletika ma' Gilbert Farrugia u għalhekk nizlu ukoll huwa u Jean-Pierre Farrugia. Huwa jixhed li "**malli nzilna ġol bieb insibu l-karozza Polo hekk u qisu, kemm kien hemm, erba' metri, naraw din il-Polo saqet għal fuqna u aħna zgiċċajna u imnalla kien hemm is-sieq tal-crane għax kien joqtolna, u ħabat ġos**

**sieq tal-crane. Dak il-ħin Jean Pierre mar jiġri ħdejn it-tieqa tiegħu u jien mort niġri warajh, forsi kien hemm dawk it-tlett metri u qisu hekk tlewmu naqra u jien dħalt fin-nofs u mit-tieqa, imma dawn few seconds kienu, u ħarbilna bil-karozza...**". Jispiċċa billi jikkonferma li Gilbert Farrugia dejjem baqa' fil-*crane* u qatt ma nizel fit-triq.

Illi, Jean Pierre Farrugia xehed prattikament l-istess storja – li dakinhar tal-inċident huma kienu qed jaħdmu fejn f'daqqa waħda ra lil Gilbert Farrugia u lil Melvin Magri iħarsu lejn xulxin bl-ikrah. Xehed ukoll li l-vettura ta' Melvin Magri kienet ipparkjata f'nofs ta' triq u li minħabba fiha u minħabba fis-saqajn tal-*crane*, ebda karozza oħra ma setgħet tgħaddi mit-triq. Bħal Matthew Farrugia qablu, Jean Pierre Farrugia xehed li hekk kif huma nizlu ħa jaraw x'kien qed jiġri, Magri saq dritt għal fuqhom u li ma kinitx għal saqajn il-*crane* kien ċertament jolqothom. Jixhed li filfatt kien b'din il-manuvra ta' Magri li inkisret il-mera tal-vettura tiegħu mal-*crane* meta ħabat fih. Jean Pierre kompla biex jixhed li – "**Imbagħad mort lejn it-tieqa jien, kif ersaqt lejn it-tieqa daqqli daqqa ta' ponn**". *In oltre*, huwa ukoll jikkonferma li Gilbert Farrugia dejjem baqa' fil-*crane* u qatt ma nizel fit-triq. Dina l-Qorti tinnota ukoll li fl-istqarrija rilaxxjata minnu nhar l-1 t'Ottubru 2011, huwa jammetti li wara li l-parte ċivile saq għal fuqhom u wara li l-istess fajjarlu daqqa ta' ponn, huwa rritalja u tah lura ukoll.

Illi, fl-aħħarnett, avolja Gilbert Farrugia għazel li ma jixhidx quddiem l-Ewwel Qorti, kif kellu kull dritt li jagħmel, l-verzjoni tal-fatti li huwa ta fl-istqarrija tiegħu datata l-1 t'Ottubru 2011 tikkombaċi perfettament ma' dik tal-appellati l-oħra.

Issa l-Artikolu 638 tal-Kodiċi Kriminali jagħmilha ċara li huwa fid-dover tal-Prosekuzzjoni li ġġib il-provi kollha, kemm favur u kemm kontra l-persuna akkużata, u l-aħjar prova possibbli sabiex il-grad tal-prova tal-Prosekuzzjoni jintlaħaq b'suċċess. Jekk dawk il-provi jkunu jikkonsistu prinċipalment fil-verżjoni ta' xhud waħdieni, il-Qorti xorta waħda tista' tasal sal-grad ta' prova rikjest fi proċedimenti kriminali, jekk dak ix-xhud ikun ġie emnut, u dan peress li f'din l-eventwalita', din ix-xhieda ssir biżżejjed sabiex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqslikieku l-fatt ġie ippruvat minn żewġ xhieda jew aktar.

Illi, f'dan il-każ il-Qorti, bħall-Ewwel Qorti qabilha hija rinfaċċjata b'zewġ verzjonijiet tal-fatti li huma dijametrikament opposti għal xulxin. Madanakollu, mill-assjem tal-provi prodotti , dina l-Qorti hija tal-fehma li l-verzjoni tal-fatti mogħtija mill-appellati hija aktar verosimili minn dik mogħtija mill-parti offiża. Jibda' billi jingħad illi l-Qorti qatt ma kienet mogħtija stampa ċara dwar f'hix kienu jikkonsistu l-ħsrata mġarrba fil-vettura misjuqa minn Magri. Dan jixhed u igħid li dak in-nhar meta seħħ is-sinistru kien Ħal Qormi għand l-isprayer, sabiex b'hekk il-Qorti tifhem illi l-vettura diġa' kien fiha xi ħsarat. Jirriżulta mbagħad kemm mix-xhieda ta' Melvin Magri kif ukoll ta' Lyndsey Sue Abela illi, l-istess vettura kienet inbiegħet ftit taż-żmien wara. Lanqas ma ma ġew ipprezentati xi ritratti ta' dina l-istess vettura u tal-ħsarat subiti fuqha sabiex b'hekk seta' jsir id-debitu ezerċizzju sabiex jiġi kkostatat jekk il-ħsarat fuq l-istess kenux kaġun ta' daqqiet fiżiċi ta' ponn jew inkella kaġun ta' ħabta ma' *crane*. Illi kif tajjeb stqarret l-Ewwel Qorti, l-istima eżebita, kif ikkonfermata minn Roderick Borg u Rupert Tonna, tindika ħsarat iktar estensivi, kif fil-fatt tixhed Abela meta tgħid lil il-vettura kellha ħsarat "*mal-ġenb kollu tan-naħa tax-xufier minn quddiem sa wara*"[3]. Ħsara ċertament mhux kompatibbli ma' daqqiet ta' ponn. *In oltre*, tajjeb jingħad li skond ma xehed l-istess parti offiża, dawn il-ħsarat allegatament ikkaġunati qatt ma kienu msewwija minħabba li l-vettura laħqet inbiegħet, sabiex b'hekk il-Qorti spiċċat sajma minn kwalunkwe evidenza li setgħet tagħti konfort lil verżjoni ta' Magri.

Illi, abbinat man-nuqqas ta' prova dwar il-ħsara subita fl-vettura, hemm nuqqas ta' provi mediko-legal, mix-xhieda ta' Dr Kenneth Vassallo u tad-Dentist Antoine Attard, sabiex jevidenzjaw in-natura tal-offiża subita mill-imsemmi Melvin Magri. Ma tirrizultax prova, per eżempju, li s-sinna mxelfa li kellu Magri kienet attribwibbli direttament għall-argument *de quo* u dan għaliex kif jixhed id-dentist innifsu din is-sinna kienet diġa' ikkurata minnu preċedentement minħabba li kienet imħassra. Dana magħdud mal-fatt li Dr. Kenneth Vassallo skjettament xehed li huwa ma ra l-ebda ferita vizibbli fuq wiċċ il-parti offiża, imma ċċertifikah li kien qed isoffri minn ġrieħi ta' natura ħafifa biss għax l-istess kien qallu li qed iħossu muġugħ. Dawn il-feriti lanqas ma jistgħu jkunu kompatibbli mad-daqqiet vjolenti li Magri jgħid li qala minn

[3] Fol.103

taħt idejn l-appellati. Għal darb'oħra lanqas hawn ma ġew prodotti provi suffiċjenti sal-grad rikjest mill-liġi li setgħu joħolqu ness bejn l-allegata ferita u l-inċident *de quo*.

Illi, *"hija regola tal-proċedura kriminali li prova trid tkun sħiħa u sodisfaċenti"*[4]. *In oltre*, prinċipju fundamentali ieħor tal-proċess ġudizzjarju fil-kamp penali huwa li provi miġbura jridu jwasslu għal sejbien ta' ħtija mingħajr dubbju dettat mir-raġuni, *"u jekk jezisti dan id-dubbju, dan imur favur l-akkuzat"*[5]. Dina il-Qorti hija tal-fehma, bħal l-Ewwel Qorti qabilha, li f'dan il-każ jeżistu diversi dubbji dwar dak li verament seħħ bejn il-ko-litigandi fis-sinistru mertu ta' dan il-każ, liema dubbju jimmilita favur l-appellati, mixlija bil-kummissjoni tar-reati lilhom addebitati, sabiex b'hekk din il-Qorti ma tara li hemm ebda mottiv li jista' jwassalha titbiegħed mill-fehma milħuqa mill-Ewwel Qorti kemm fuq bażi legali kif ukoll fattwali. Għal dawn il-motivi anke dan l-aggravju qed ikun miċħud.

**Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell tal-Avukat Ġenerali u tikkonferma is-sentenza appellata fl-intier tagħha.**

**Edwina Grima**

**Imħallef**

---

4 Il-Pulizija vs Paolo Farrugia, Appell Kriminali (Sede Inferjuri), 01.08.1959.

5 Ir-Repubblika ta' Malta vs Jose Edgar Pena, Appell Kriminali (Sede Superjuri), 05.12.2012 & Ir-Repubblika ta' Malta vs George Spiteri, Appell Superjuri (Sede Superjuri), 05.07.2002.